Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum is-26 ta' Settembru 2023**

**Kump. Nru. 532/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spt Matthew Galea)**

**vs**

**Robel Fisshaye Gebresilase (0184695A)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Robel Fisshaye Gebresilase**, bil-karta tal-identita numru 0184695A**.**

Akkuzat talli fil-15 ta' Awwissu 2019, ghall-habta ta' hamsa u nofs ta' filghaxija (17.30hrs) waqt illi kien fi Triq Patri Felicjan Bilocca, l-Marsa:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Abukar Sef Ali KI nru: 033190A f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema hsara hija ta' natura gravi hekk kif iccertifika Dr.Adrian Cordina (Med Reg: 2641) tac-centru tas-sahha tal-Furjana.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz tal-htija barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija umilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Abukar Sef Ali K.I. 0033190A skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fejn il-partijiet irrimettew ruhhom ghal provi migjuba.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed il-*parte civile* fl-14 ta' Novembru 2019, fejn iddikjara illi kien qieghed jahfer lill-imputat u li m'ghadx ghandu interess fil-kawza odjerna, kif ukoll illi ma kienx ser jixhed sabiex ma jinkriminax ruhu.

Illi fit-23 ta' Jannar 2020, xehed l-iSpettur Matthew Galea fejn qal illi fil-5.30pm nhar il-15 ta' Awwissu 2019, dahal rapport l-ghassa tal-Hamrun li kien hemm glieda gewwa Triq Patri Bilocca, Marsa. Is-Surgent 267 Cassar u PC 751 Mercieca, assistiti mill-RIU, marru fuq il-post u tkellmu ma' Robel Fisshaye Gebresilase li kien jopera hanut bl-isem Three in One Snack Bar fi Triq Bilocca, Marsa, li qal illi Abukar Se Fali, maghruf bhala Rambo, kien dahal fil-hanut u tefa' gebla lejn il-hgiega tal-hanut u kien kissirha. Abukar gie mitkellem mill-Pulizija fejn qal illi kien Robel Fisshaye Gebresilase li kien tah daqqa fuq widnejh ix-xellugija u ghalhekk kien waddab il-gebla. Abukar lmenta bl-ugiegh, u ghalhekk ittiehed fic-centru tas-sahha tal-Furjana, fejn Dr. Cordina iccertifika li kellu griehi gravi. Ix-xhud ipprezenta kopja tieghu li gie mmarkat Dok MG1. Hu kien baghat ghall-imputat, li gharaf fl-awla, li kien tah stima tal-hsarat li kienu jammontaw ghal €180. L-imputat ghazel li ma jkunx assistit minn Avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, u x-xhud ipprezenta Dok MG2 li huwa r-rifjut ta' l-assistenza. Ix-xhud ipprezenta ukoll l-istqarrija tal-imputat Dok MC3, fejn qal illi fil-15 ta' Awwissu 2019, kien qal lil Rambo biex johrog mill-hanut tieghu Three in One Bar, ghax kien qieghed jbaghbaslu l-muzika fuq il-lap top, fejn Rambo refa' siggu u mbaghad waddab gebla u kissirlu l-hgiega tal-hanut. Robel cahad illi aggredixxa lil Abukar. Ix-xhud pprezenta ukoll ir-rapport tal-incident li gie mmarkat bhala Dok MG4.

Illi fit-30 ta' Jannar 2020, rega' xehed Sef Ali Abukar li qal illi, hu u Robel, li gharaf fl-awla, kienu ggieldu f'Dicembru tas-sena li ghaddiet, izda ma

jiftakarx il-gurnata. Robel kellu bar u hu kien qed jiftah il-bieba u kien hemm in-nies qeghdin jixorbu, u Robel qallu biex johrog u hu kien wegga' widnejh b'daqqa izda ma jafx min tahielu. Ix-xhud kompla jghid li hu rrabja u storda u wahhal f'dak il-persuna, izda ma jiftakarx jekk kienx hu jew le, u hu kien tefa' gebla lejn il-bieba.

Illi fis-17 ta' Settembru 2020, xehed Dr. Adrian Cordina b'referenza ghal Dok MG1 *a fol* 11, li fid-19 ta' Awwissu 2019, fl-9.55pm kien ezamina lil Abukar Sef Ali, li ma kellux karta tal-identità, li kien qallu li joqghod il-Marsa, u li Ali kien f'sensieh izda kien migugh. Abukar Sef Ali qallu li kien qala' daqqa u kellu d-demm fuq it-tambur ta' widnejh tax-xellug. Ix-xhud qal illi kien ikklasifika li Ali kellu griehi gravi, ghax kienu gol-kranju u ssuspetta li seta' nqasamlu it-tambur, u ghalhekk kien irreferih biex jarah specjalista tal-ENT, ghax jista' jikkawza nuqqas ta' smiegh. Ix-xhud qal illi ma regax rah lil pazjent wara dakinhar.

Illi fis-26 ta' Novembru 2020 xehed PC751 Christian Mercieca fejn qal illi waqt illi kien mas-Surgent 267 kienu ircevew telefonata li kien hemm glieda fi Triq Patri Bilocca l-Marsa bejn zewg persuni ta' karnagjon skur. Huma marru fuq il-post fejn kien hemm membri tal-RIU fejn sabu l-imputat li gharaf fl-awla, bil-wieqfa quddiem il-Three in One Snack Bar u persuna ohra Abukar Sef Ali kien f'nofs it-triq. L-imputat qalilhom li l-persuna l-ohra kienet waddbet gebla lejn il-hanut u kissirlu l-hgiega. Abukar min-naha tieghu qal illi l-imputat kien tah daqqa go rasu fuq widnejh tax-xellug, u b'hekk gablu l-ambulanza ghax beda jilmenta bl-ugiegh u jzomm widnejh. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk kienx ra xi demm imma kien jidher fis-sakra. Ix-xhud gie muri Dok MG4 minn fol 15 sa fol 17 fejn iffirmah, u qal illi parti mir-rapport kien sar minnu u kien gie updated minn kollegi ohrajn.

Illi fl-4 ta' Frar 2021, xehed PC 267 Anthony Cassar li fil-15 t'Awwissu 2019 kien mar fi Triq Patri Felic Bilocca, Marsa wara li kienu infurmati li kien hemm argument u hdejn it-Three in One Snack Bar, kien hemm is-sid Robel Gebresilase li qal illi Abukar Sef Ali maghruf bhala Rambo, beda jaqla' l-inkwiet fil-hanut ghax kien fis-sakra u keccieh 'il barra. Kif harguh waddab gebla lejn il-hgiega u faqalu l-vetrina. Meta x-xhud avvicina lil Abukar li kien f'nofs tat-triq fi stat ta' sakra, beda jzomm wiccu u qal illi Robel kien tah daqqa ta' siggu meta hargu 'l barra. Huma gabulu l-ambulanza ghax kien ra li kellu d-demm u nefha u hmura ma' widnejh u lmenta bl-ugiegh. Aktar tard kien hadilhom certifikat ta' griehi ta' natura

gravi. Huma waslu fil-post bejn 5 u 10 minuti wara li kienu hargu lill-vittma barra mill-hanut, hu rah ukoll li kien baqa' jghajjarhom u jikkummiedja. Huma gew mghajta minhabba ksur ta' paci pubbliku imma imbaghad irrizulta illi kien hemm griehi. Huma kienu gabru lil Robel u hadulu l-istqarrija. Il-*parte civile* kien gie mitkellem mill-iSpettur Matthew Galea fil-prezenza tieghu, fejn beda jghid illi kienu rrangaw u ma riedx imexxi. Il-*parte civile* kien rega' mar isibu ukoll l-ghassa, biex jghidlu li kienu rrangaw u fil-fatt kien rega' mar il-bar xi jumejn wara. Fil-kontro ezami jghid illi meta wasal hu, il-hgiega kienet gia mkissra u ma rax lil-*parte civile* jwaddab il-gebla. Robel kien fuq il-bankina jissalvagwardja l-proprjeta' tieghu u l-*parte civile* kien qieghed jikkummiedja u kien qieghed jzomm wiccu u kellu dmija u nefha. I-xhud qal illi hu wasal xi 10 minuti wara li dahlet il-call u l-glieda ma rawhiex.

Illi fil-25 ta' April 2023 xehed l-imputat, fejn qal illi hu ghandu hanut tax-xorb u f'xi t-3.30pm Abukar kien fis-sakra u mar u mess il-lap top tieghu fil-hanut u qabad u biddillu d-diski. Hu hargu 'l barra u l-*parte civile* gab gebla u wadddabha lejn il-bieb tal-hanut tieghu u kisser il-hgiega fejn din ixxaqqet imma ma waqax hgieg mal-art. L-imputat baqa' fil-hanut u cempel lil Pulizija u Abukar ghamel rapport fuqu. L-imputat xehed illi hu ma messux lil Abukar, u ma jafx kif wegga'u li l-Pulizija haduh maghhom. Il-Pulizija kienu baghtu ghalih xi gimghatejn wara.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda jidher illi kien hemm xi dizgwid bejn l-imputat li huwa s-sid tal-hanut u l-*parte civile* li kien qieghed fil-hanut. Mhux kontestat li l-*parte civile* inhareg 'il barra mill-hanut. Skont ir-rapport, il-*parte civile* qal illi l-imputat kien tah daqqa f'widnejh. Mill-provi tal-Pulzija jidher illi l-*parte civile* kien lmenta minn ugigh f'widnejh fin-naha tax-xellug u kienu raw d-demm fejn widnejh, li kienet hamra u minfuha. It-tabib li kien hareg certifikat bil-griehi ta' natura gravi, xehed illi l-*parte civile* kellu griehi fit-tambur ta' widnejh u kien irreferieh l-ENT. Mhux ikkontestat illi l-*parte civile* kien waddab gebla lejn il-hgiega ghax hu stess ikkonferma dan fix-xhieda tieghu.

Illi minkejja li fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti, il-*parte civile* kien iddikjara illi ma riedx jixhed fil-konfront tal-imputat sabiex ma jinkriminax ruhu u li kien qieghed jahfer lill-imputat, wara xorta kien

xehed fejn qal illi ma kienx jaf min tah id-daqqa ghalkemm kien wahhal fl-imputat meta ghamel ir-rapport.

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali kif ukoll semghat ix-xhieda, il-Qorti m'hijiex konvinta illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ippruvata sal-grad rikjest mil-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjoni migjuba kontrih u qed tilliberah minnha.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**